MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1405/2002/1

**Agnes Cilia**

**vs**

**Paul Abela**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' mitejn u ghoxrin lira Maltin (Lm220) rappresentanti hsarat sofferti fil-vettura ta'l-attrici tal-marka Volkswagen Polo bin-numru ta' registrazzjoni DBD 896 u dana wara illi hija xtrat *unleaded petrol* mill-pompa tal-*petrol* gestita mill-konvenut fi Triq Sciortino, Zebbug, liema *petrol* kien imhallat bl-ilma

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittri interpellatorji tas-26 ta' April 2002 u ta'l-10 ta' Mejju 2002 kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fil-21 ta' Gunju 2002, fejn gie ecceppit:

1. Illi fl-ewwel lok mhux imfisser car ta' x'hiex ezatt l-attrici qed tippretendi l-hlas ta' Lm220, u cioe' fl-ewwel lok jekk hux in linea ta' danni, u fit-tieni lok, f'kaz li hu hekk, f'hiex ezatt jikkonsistu dawn id-danni u ghalhekk l-azzjoni attrici hija irritwali.
2. Sekondarjament, anki kieku kienet azzjoni ghad-danni l-attrici riedet tipprecedi it-talba taghha, b'talba ghad-dikjarazzjoni tar-responsabbilta' ta'l-istess danni da parti tal-konvenut, u anki ghal din ir-raguni l-azzjoni hija irritwali.
3. Illi subordinatament l-ecippjent kien diga hallas lill-attrici s-somma ta' Lm15 ghas-saldu ta' xi spejjez li hi inkorriet biex nehhiet xi ilma li seta kien hemm fil-fuel system tal-karozza taghha.
4. Illi kien biss wara xi erba xhur li l-attrici mbaghad bdiet tivvanta pretensjoni ulterjuri ghal hlas ta' ammont ferm ikbar li l-eccippjent bl-ebda mod ma hu tenut li jaghmel tajjeb ghalih.
5. Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Sema' x-xhieda ta' Philip Borg, Edwin Cilia, Kenneth Borg, Concetta Vella, Stefan Abela u tal-konvenut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

Illi jirrizulta illi dwar il-fatti tal-kawza, ma hemmx wisq kontestazzjoni. L-attrici tallega illi sofriet danni fil-vettura taghha tal-marka Volkswagen Polo bin-numru ta' registrazzjoni DBD 896, b'konsegwenza ta' *petrol* imhallat bl-ilma illi hija hadet mill-pompa tal-*petrol* tal-konvenut. Il-konvenut ma huwiex qieghed jikkontesta il-fatt illi fil-gurnata indikata mill-attrici u cioe' fit-22 ta' Dicembru 2001, huwa kien biegh ikkontaminat bl-ilma, u dana wara illi l-istess kien gie ikkonsenjat lilu b'dan il-mod, izda jallega illi huwa kien hallas diga ghal hsarat rapportati fil-

vettura ta’l-attrici u inoltre huwa kien irrifondielha l-flus illi hija kienet hallset ghal *petrol* mibjugh lilha. Jallega ghalhekk illi l-hsara ilmentata mill-attrici madwar erba xhur wara li sehh dan l-incident, ma ghandha x’taqsam xejn mal-petrol mibjugh lilha mill-pompa tieghu.

Mhuwiex kontestat il-fatt illi hekk kif l-attrici imliet il-vettura taghha bil-*petrol unleaded* kontaminat bl-ilma, l-vettura taghha mal-ewwel waqqfet wara li kienet imxiet biss tul ta’ zewg vetturi. Kienet ikkuntattjat lil *mechanic* taghha Philip Borg li kien gie fuq il-post u ezamina l-karozza u b’hekk induna illi kien hemm l-ilma imhallat mal-*petrol*. Il-konvenut ukoll mar dak il-hin stess fuq il-post kif sejjhitlu l-attrici. Dan Borg kompla inehhi l-ilma u assigura lill-attrici illi hija kienet tasal sa H’Attard fejn kienet tghix, izda wara li saqet ftit metri ohra, l-vettura regghet waqqfet. Xi granet wara l-*mechanic* kien hadilha l-karozza ghat-tiswija u naddaf it-tank u minn fejn ighaddi l-petrol. Hija tghid li kien hadilha Lm15, liema ammont kien hallas l-konvenut, flimkien ma’l-Lm10 tal-petrol li kienet hadet. F’din l-okkazzjoni hija kienet avzat lil iben il-konvenut illi kienet qed izommhom responsabbli ghal kwalunkwe hsara ulterjuri li jista’ ikollha fil-vettura taghha. L-attrici tikkontendi illi minn wara il-Milied il-vettura regghet bdiet taghtiha il-problemi, tant illi f’Jannar spiccat lanqas biss tistartja. Meta hija regghet haditha ghand il-*mechanic* huwa bidlilha ir-*relay* u hadilha Lm10 ghal dan il-ghan. Fis-7 ta’ Frar 2002, l-vettura regghet waqqfet u din id-darba il-*mechanic* infurmaha illi kellha problema elettrika. Meta regghet waqqfet il-vettura fit-23 ta’ Marzu 2002 , hija hadet il-vettura ghand il-Continental Cars, fejn instab illi l-pompa tal-*petrol* ma kenitx tajba u din kellha tinbidel. Ghal dan hija hallset l-ammont ta’ Lm189.78 u dana kif jirrizulta mid-Dokument AC2 esebiet a fol.26 ta’l-atti processwali.

Illi din hija kwistjoni ghalhekk purament teknika u ghalhekk spetta lill-attrici tipprova illi hemm ness bejn il-hsara subita minnha fil-vettura taghha u l-agir tal-konvenut meta huwa bieghhilha il-petrol imhallat bl-ilma.

L-attrici ghalhekk ipproduciet bhala xhieda lil Philip Borg, il-*mechanic* li kien sewwa l-vettura wara l-incident, u

rappresentant tal-Continental Cars Limited fejn kienet inbiddlet il-pompa tal-*petrol*. Philip Borg huwa il-*mechanic* li kien jiehu hsieb il-vettura ta'l-attrici. Huwa jikkontendi illi sa dak in-nhar ta'l-incident, l-vettura ta'l-attrici qatt ma kellha hsarat u li dejjem ingiebet ghandu ghal *service* biss. Huwa ighid illi meta issejjah fuq il-post kien nehha madwar nofs litru ilma mill-vettura ta'l-attrici. Peress illi l-vettura tal-attrici regghet waqqfet ftit wara huwa kien infurmaha illi kien hemm bzonn jinqala l-*fuel tank* sabiex jitbattal kompletament. Fil-fatt huwa hekk ghamel. Inoltre kien anke naddaf is-sistema kollha bil-*filter* u bil-*fuel tank*. Huwa ma kien biddel xejn mill-*parts* tal-vettura, izda semplicement naddafhom. Meta l-attrici regghet ilmentat mieghu xi gimgha wara illi l-vettura regghet waqfitilha, huwa kien sab illi ir-*relay* kien qatalha il-kurrent u ghalhekk kellu jinbidel. Din id-darba kien zamm Lm10 li kienet hallset l-attrici. Jikkontendi illi din il-hsara ma kellha xejn x'taqsam mal-kwistjoni ta'l-ilma fil-*petrol* u illi bil-procedura segwita minnu fejn kien naddaf il-*filters* kif ukoll it-tank tal-petrol, il-problema kienet giet risolta, ghalkemm ma setax jeskludi li jista' ikun hemm problemi fil-*fuel pump* li tohrog wara ftit taz-zmien.

Illi mid-dokument esebiet minn Edwin Cilia tal-MTC Towing services Limited, a fol. 27 ta'l-atti processwali jirrizulta illi bejn it-22 ta' Dicembru 2001 u it-23 ta' Frar 2002, l-vettura ta'l-attrici giet migbuda hames darbiet, darbtejn f'Dicembru, darba f'Jannar u darbtejn fi Frar.

Kenneth Borg in rappresentanza tal-Continental Cars Limited ighid illi l-vettura ta'l-attrici iddahlet ghat-tiswija peress illi kellha problemi fil-magna u dana peress illi din ma kenitx qed tistartja. Dana kien fit-28 ta' Marzu 2002, meta kienet inbiddlet il-pompa tal-petrol, l-*ispark plugs*, it-*temperature sender unit*, l-*fuel filter* u *low ring seal*. Ix-xhud spjega illi peress ili l-*fuel pump*, hija *sealed unit*, allura ikun impossibbli li tinfetah sabiex tigi ikkonstatata l-hsara ikkagunata fl-istess. Huma ivverifikaw jekk kienx hemm xi ilma fil-*fuel*, meta jaraw hsara bhal din, izda ighid illi dak in-nhar fil-*fuel* tal-vettura, ilma ma instabx. Huwa jikkontendi illi l-*fuel pump* tieqaf tiffunzjona mhux immedjatament kif jittiehed il-petrol kontaminat, izda

dejjem irid ighaddi ftit taz-zmien u dana madwar gimghatejn jew tlett gimghat. Huwa jikkontendi illi wiehed qatt ma jista' ikun cert ghal kollox illi l-hsara fil-*fuel pump* sehhet minhabba illi kien ittiehed *fuel* ikkontaminat u dana ghaliex peress illi l-*fuel pump* hija *sealed unit*, in-natura tal-hsara ma tkunx tista tigi ikkonstatata. Fl-opinjoni tieghu, l-hsara fil-vettura ta'l-attrici u cioe' fil-*fuel pump* tista' tkun gejja mill-fatt illi ikun ghadda *petrol* imhallat bl-ilma minnha, kif ukoll il-hsara tista' tigi ikkagunata minhabba xi *internal electrical fault*. Rigward il-bdil tal-*filters*, huwa ighid illi dana sar bhala prekawzjoni, filwaqt illi il-bdil fl-*isparking plugs* ma kellu xejn x'jaqsam ma' dana il-fatt.

L-attrici ipproduciet ukoll bhala xhud lil Concetta Vella, li sofriet hsara simili fil-vettura taghha wara li hija kienet xtrat il-*petrol* minn ghand l-konvenut. Din ix-xhud tikkontendi illi il-hsara sofferta fil-vettura taghha kienet giet ikkagunata mill-*petrol* imhallat bl-ilma illi hija kienet xtrat minn ghand il-konvenut. Dawna il-hsarat kienu gew imhallsa mill-konvenut, kif ukoll kien irrifondielha il-flus ghal *petrol* li kien taha. Dawna il-hsarat li hija sofriet f'Dicembru, kienet sewwiethom f'Jannar. Hija regghet kellha hsara fil-vettura taghha imbahgad f'Ottubru, u meta staqsiet lill-*mechanic* taghha jekk dawn kenux konnessi ma'l-incident ta' Dicembru huwa qalilha li dan seta' kien il-kas, izda ma setax ikun cert.

Illi Stefan Abela, iben il-konvenut kien iktar involut f'dan l-incident minn missieru. Huwa jikkonferma illi l-vettura ta'l-attrici kienet waqqfet immedjatament kif hija xtrat il-petrol minn ghandhom. Hu kien mar fuq il-post meta kien gie il-*mechanic* Philip Borg u anke kien mar ghandu il-garage meta kien hemm il-vettura ta'l-attrici ghat-tiswija. Ighid illi huwa ra lil *mechanic* inehhi il-*petrol* kollu li kien hemm, naddafha mill-*petrol* 'il qadim u ghamel dak kollu necessarju sabiex il-vettura terga' tahdem. Huwa ighid illi l-vettura kienet insaqet wara li isewwiet sahansitra kienet marret l-attrici stess biha ghandu sabiex huwa ihallasha l-kont tal-*mechanic* u hu hekk ghamel. Hallasha ukoll ghal *petrol* hazin li kienet hadet. Wara dan huwa ma regax

sema minn ghand l-attrici, izda kien biss seba xhur wara illi hija kienet regghet ressqet l-ilment taghha. Ighid illi wara dan l-incident missieru kien ha passi kontra l-Korporazzjoni Enemalta minhabba dan il-fatt. Il-konvenut jikkonferma l-verzjoni moghtija mit-tifel tieghu. Jikkontendi illi wara li kien gie ta'l-Enemalta u issupplixxieh bil-petrol ikkontaminat, huwa lehaq qeda madwar tnejn jew tlett klijenti biss u kienet mara ohra biss illi kienet ilmentat mill-istess hsara ta'l-attrici. Huwa kien ha hsieb ihallas il-hsara ta' din il-mara ukoll. Huwa cahad illi meta hallas lill-attrici, hija irriservat id-dritt illi terga' tfittxu fil-kaz illi il-vettura taghha ikollha xi hsarat ulterjuri.

Ikkunsidra,

Illi l-konvenut jissolleva zewg eccezzjonijiet preliminari u dana ta'l-irritwalita ta'l-azzjoni attrici, dana peress illi fl-ewwel lok l-pretenzjoni ta'l-attrici ma hijiex imfissra b'mod car fl-avviz tat-talba u fit-tieni lok, peress illi ma tirrizultax talba dikjaratorja ta' responsabbilta' tal-konvenut ghall-incident mertu tal-kawza.

Illi fir-rigward ta' dawn iz-zewg eccezzjonijiet, ghandu jinghad illi l-proceduri quddiem it-Tribunal huma regolati b'dak li jiddisponi l-att numru V ta'l-1995. It-Tribunal ghandu il-kompetenza jiddeciedi kwalunkwe talba ghal hlas ta' somma flus, liema talba hija dik illi qieghda taghmel l-attrici permezz ta-presenti istanza. Kwindi ma jirrizulta l-ebda irregolarita jew irritwalita fl-azzjoni kif proposta. Mit-talba jidher illi l-attrici qieghda tallega illi hija sofriet danni fil-vettura taghha meta hija xtrat il-petrol imhallat bl-ilma minn ghand il-konvenut. Huwa proprju dana il-fatt illi it-Tribunal irid jinvestiga u kwindi jekk it-talba ghal hlas ta'l-ammont tal-flus indikat fl-avviz huwiex wiehed gustifikat o meno. Fuq kollox it-Tribunal ma huwiex marbut strettament mar-regoli tal-procedura, izda ghandu jiddeciedi il-kawzi principalment fuq bazi ta' ekwita, f'proceduri li ghandhom jitmexxew skond il-principji tal-gustizzja naturali. (Artikolu 7 u 9 tal-Kapitolu 308).

Illi ghal dawn il-motivi, l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut qed jigu michuda.

**L-eccezzjonijiet fil-mertu**

Illi l-konvenut jecepixxi inoltre illi huwa kien hallas lill-attrici is-somma ta’ Lm15 ghas-saldu ta’l-ispejjez li inkorriet sabiex nehhiet l-ilma mill-*fuel system* tal-vettura taghha, u inoltre illi kien biss erba’ xhur wara illi hija tallbet il-hlas ta’l-ammont mitlub f’din il-kawza u li ghalhekk l-konvenut ma huwiex tenut jaghmel tajjeb ghalihom.

Illi mill-kumpless tal-provi jirrizulta minghajr l-icken dubbju illi l-attrici sofriet hsara fil-vettura taghha minhabba l-*petrol* ikkontaminat illi hija akkwistat minn ghand il-konvenut. Dana l-konvenut ma jichdux tant illi kien anke hallas lill-attrici il-Lm15 li zamm il-*mechanic* Philip Borg sabiex sewwa din il-hsara, kif ukoll kien irrifonda lill-attrici il-flus illi hija kienet hallset ghal petrol ikkontaminat illi hija xtrat.

Illi madanakollu l-attrici tghid illi hija baqghet tilmenta illi l-vettura taghha ma kenitx qieghda tistartja, minn dan l-incident ‘il quddiem. Fil-fatt mid-Dokument esebiet a fol.27 tal-process, kif ukoll mix-xhieda ta’ Edwin Cilia, jirrizulta illi l-vettura taghha kienet giet irmunkata f’diversi okkazzjonijiet.

Jirrizulta inoltre mix-xhieda prodotti illi l-vettura ta’l-attrici qatt ma kienet sofriet xi hsara jew *breakdown* u li kienet vettura piuttost gdida. Kien biss wara dan l-episodju illi l-vettura taghha ma bdietx tistartja u li waqqfitilha diversi drabi fix-xhur ta’ wara, tant illi fl-ahhar kellu jinbidel il-*fuel pump* tal-vettura sabiex din regghet bdiet tiffunzjona sew mill-gdid.

Madanakollu ma setax jigi ippruvat illi din il-hsara li l-attrici qieghda tirreklama permezz tal-presenti istanza hija strettament konnessa mal-petrol ikkontaminat illi hija hadet minn ghand l-konvenut. Il-*mechanic* Philip Borg jikkontendi illi huwa ghamel dak kollu li kien hemm bzonn illi isir meta l-vettura ta’l-attrici dahhlet ghandu ghat-tiswija ftit wara l-incident, kien qala il-*fuel tank*, battlu u naddaf

anke il-*filters*. Kenneth Borg, rappresentant tal-Continental Cars Limited, min-naha tieghu ghalkemm ighid illi l-*fuel* imhallat bl-ilma jista' iwassal ghal hsara fil-*fuel pump* bhal dik sofferta mill-attrici, madankollu jikkontendi illi din il-hsara setghet giet ikkagunata minn fatturi ohra bhal *electrical fault* f'xi *unit* tal-*fuel pump*. Jidher illi ma jista' qatt ikun hemm konkluzjoni definittiva rigward ir-raguni li ikkaguna l-hsara f'din il-*fuel pump* peress illi din hija *sealed unit* u ma tinfetahx. Ix-xhud ighid ukoll illi din il-hsara meta gejja mill-fatt illi l-magna tkun riceviet fuel imhallat bl-ilma, ma tohrogx dejjem immedjatament, izda tista' tohrog xi ftit gimghat wara.

Inoltre jirrizulta ukoll illi xi ftit wara illi l-*mechanic* Philip Borg ghamel it-tiswijiet kollha necessarji, l-attrici sofriet hsara ohra fil-vettura taghha fejn gie mibdul ir-*relay*, li dana skond il-*mechanic* kien qata' l-kurrent u kellu jinbidel. Din il-hsara ma kellha xejn x'taqsam mal-kwistjoni tal-*fuel*. Fil-fatt l-attrici hallset lill-*mechanic* hija personalment u ma irreklamatx dan l-ammont minn ghand l-konvenut f'dak iz-zmien.

Illi ghalhekk it-Tribunal ihoss illi l-attrici ma irnexxiliex tipprova b'mod sodisfacenti illi l-hsara ilmentata minnha kienet konnessa ma'l-incident tal-*fuel* ikkontaminat li ghalih kien responsabbli l-konvenut u dana peress illi l-hsara minnha rapporata fil-*fuel pump* tal-vettura taghha setghet giet ikkagunata minn fatturi ohra indipendenti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici ma tirrizultax soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici, bl-ispejjez ta' dina l-istanza kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------